# SAN PUBLJU MARTRI – F'XI KITBIET TAL-1869, 1879, 1883 U 1895

*minn* **Paul P. Agius** Dip. Law & Admin., Dip. Educ (Adult)., B.A.

## *Introduzzjoni:*

Il-kitba u d-devozzjoni lejn il-qaddis Malti San Publju Martri, sa minn żmien ilu kien suġġett popolari fost il-kittieba magħrufa fil-Gżejjer tagħna, speċjalment fl-ewwel ċentinarju tas-Seklu XIX. Qed nipproduċu firxa ta' kitba minn awturi magħrufa u differenti, li tvarja minn stil letterarju, opra teatrali morali/sagra, rakkonti storiċi kif ukoll ta' talb u qima lejn il-qaddis. Awturi bħal Kan. Dr Paolo Pullicino, Achille Ferris, Annibale Preca, u Cristoforo Frendo Cumbo, permezz tal-pinna tagħhom, fost kittieba oħra, esprimew sentimenti nobbli, patrijottiċi, ċenni storiċi u devoti dwar il-qaddis Malti. Fil-kitbiet tagħhom dawn jagħtuna x'nifhmu li kienu ndirizzati mhux biss lejn dawk li kienu jafu jaqraw, imma wkoll lejn il-popolin li kien iktar imdorri jisma' r-rakkonti milli kapaċi jaqra. Ta' min jinnota li l-kitbiet ta' dawk iż-żminijiet kienu bil-Malti Taljanizzat, kif il-qarrej jista' jara mit-titli u minn riproduzzjonijiet tad-dokumenti rispettivi, li ġew imċekkna jew imkabbra mid-daqs oriġinali tagħhom għall-konvenjenza ta' spazju.

Kif wieħed jistenna, ċerti episodji u tagħrif f'dawn id-dokumenti oriġinali huma ripetuti, u għalhekk qed jiġu evitati f'dan l-artiklu. Madankollu sar sforz biex il-punti msemmija dwar aspetti differenti fuq dak li nkiteb fid-dokumenti oriġinali, jiġu misluta u hekk magħrufa.

CENNI STORICI
DELLA VITA
DI
S. PUBLIO MARTIRE
PRIMO VESCOVO
DELLA CHIESA DI MALTA

SCRITTI
DAL
Dr Paolo Pullicino
Canonico Capitolare della Chiesa
medesima.

MALTA,
1869.

72

(g) Prospetto Cronologico
della vita
di San Publio Vescovo e Martire.

| | Anno dell' era Cristiana | Anno dell' età di S. Publio | Osservazioni. |
|---|---|---|---|
| Nasce S. Publio | 33 | | Approssimativamente |
| Fatto Vescovo di Malta ........ | 59 | 26 | Anni 31 nel Vescovado di Malta. |
| Morte di S. Paolo | 67 | 34 | |
| Trasferimento di San Publio in Atene ........ | 90 | 57 | Anni 35 nel Vescovado di Atene. |
| Morte di San Dionigi ...... | 93 | 60 | |
| Morte di San Publio........ | 125 | 92 | Anno della persecuzione dell' Imperator Adriano. |

Concesso che San Publio nato fosse nell'anno 33 dell'era cristiana, che secondo

*Can Dr Paolo Pullicino 1869*

## Il-Kan Dr Paolo Pullicino - Kitba tal-1869:

Il-Kan. Dr. Paolo Pullicino, kittieb għaref u prolifiku sejjaħ il-pubblikazzjoni tiegħu *'Cenni Storici della vita di S. Publio Martire Primo Vescovo della Chiesa di Malta'.* Minbarra li kien Kanonku tal-Katidral, huwa okkupa wkoll diversi karigi pubbliċi. Fl-introduzzjoni tiegħu li ġġib id-data tal-20 ta' Jannar tas-sena msemmija fuq, huwa semma li diġà kien hawn xogħolijiet oħra fuq l-istess suġġett. Madankollu, dawn kienu iktar meqjusin bħala teżijiet milli kitbiet storiċi. Huwa stqarr li ma kienx faċli għalih jidħol għal din il-kitba minħabba li qablu kien hemm kittieba iktar kapaċi, imma li ma komplewx bit-tiftix tagħhom. Iżda, bir-rakkont fl-Atti tal-Appostli u bil-kitba tas-Santi Padri quddiemu, huwa daħal b'determinazzjoni u b'ċertezza dwar serje ta' episodji fl-istorja tal-qaddis.

Pullicino jsemmi bħala sorsi, l-awtur magħruf u illustri anki fl-Ewropa inkluża s-sħubija tiegħu bħala membru fl-Akkademja tal-Kittieba ta' Pariġi, lill-Konti Gio-Antonio Ciantar, u oħrajn bħal Padre Giorgi Dalmata, Padre Attardi Palermitano, Padre Manduca. L-awtur jagħmel emfasi fuq il-kwalitajiet personali u sbieħ tal-qaddis, in-nobbiltà u l-propjetajiet tal-familja ta' Publju f'Malta, l-ammirazzjoni li kien igawdi fost il-Maltin u l-qalb kbira tiegħu. Il-formazzjoni kulturali tal-mexxej tal-gzira żgur li laqgħat għajn l-Appostlu Pawlu li bil-ġudizzju penetranti tiegħu ra f'Publju id-disponibiltà li jkun l-iprem nisrani u l-iktar ikkwalifikat biex huwa seta' jafda warajh meta jasal il-waqt li jkompli bil-vjaġġ tiegħu.


FUK IL HAIJA

TA

SAN PUBLIU MARTIRI

LEUUEL ISKOF

TA MALTA.

MALTA,
Stampat għand C. Busuttil, Strada Forni Nu. 133.
1879.

*Jidrilna, illi tcun hagia uisk maghgiuba lid-devoti ta san Publiu, leuuel Iskof ta Malta, l' ingibu fil-lsien taghna mictuba il haija tighu. Billi bosta Maltìn chitbu bit-talian fuk dana il cbir Kaddis, chien xierak uisk li xi hagia iconna ucoll bil malti. U biex naghmlu dan, ghainuna cbira tana il cticb sabih fuk san Publiu, illi chiteb bit-talian fis-sena 1869 il gharef canonicu tal Cattidral taghna, id-Dr. D. Paolo Pullicino.*

*Nittamau li ix-xoghol taghna ma icunx mitluf ghal collox: izda ioun jisua ta xi gìd ghar-ruh lil daue collha li iakrauh.*

A. F.

Achille Ferris - 1879

## Achille Ferris - Kitba tal-1879:

Achille Ferris - kiteb librett *'Fuq il-Ħajja ta' San Publju Martri l-ewwel ta' Malta'* bit-titlu oriġinali jaqra hekk '**FUK IL HAIJA TA SAN PUBLIU MARTRI LEUUEL ISKOF TA MALTA'**. L-awtur, bħal bosta oħrajn, isostni mill-ewwel vrus dwar in-nisel u t-twelid ta' Publju f'Malta minn familja Rumana fis-sena 33 jiġifieri fl-istess sena li fiha miet Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk, kif kien jixraq, trabba bħala wild nobbli u fil-għana, kif ukoll mgħallem mill-ilsiera fid-dar ta' missieru, l-ilsien Grieg u tagħlim ieħor. Fost l-oqsma kbar u estensivi li kellhom fil-gżira kien hemm il-Palazz tal-Gvernatur ġewwa

l-Imdina, fejn il-familja kienet toqgħod fix-xhur tax-xitwa u fis-sajf tmur lejn ix-xtut ta' *Buarrad* jew *Bin-uerried* kif kien imsejjaħ f'dawk iż-żmenijiet.

Il-bosta nies li kienu jaħdmu l-artijiet ta' Publju, bħala werriet ta' dawk l-oqsma, kienu minn tal-ewwel li ġrew lejn ix-xatt, tant, li malli raw il-vapur jitkisser mal-blat huma malajr marru jirrakuntaw b'kollox lil Publju dak li kien ġara. Inzerta, li meta seħħ in-nawfraġju ta' San Pawl, kienet il-ħarifa tas-sena 58. Hawn wieħed jistaqsi: "Għalfejn il-familja ta' Publju kienu għadhom qed joqgħodu f'dawk l-oqsma t'hemmhekk u mhux fil-villa tal-Imdina?" Ir-risposta u r-raġuni toħroġ waħedha. Missier Publju, serjament marid bid-disenterija kif kien, ma kienx f'kundizzjoni li jiġi mċaqlaq għaliex it-traġitt kien riskjuż ferm. B'hekk nifhmu għaliex baqgħu hemmhekk viċin l-inħawi tax-xatt. Kien ukoll jagħmel sens li Publju, għaliex kien qiegħed fl-inħawi, kien pront jiddeċiedi x'għandu jagħmel, tant, li malli waslitlu l-aħbar dwar x'kien ġara, bagħat għal dak ir-raġel qattiel li kien ħeles mill-baħar, iżda li n-nies barbari ħasbu li kienu laħquh l-allat. Huwa żgur li r-rakkont tal-lifgħa, qanqlu f'Publju xewqa kbira li jiltaqa' ma' dan il-bniedem li kien għadu kif wettaq dawk l-għeġubijiet, tant li saħansitra daħħlu ġewwa fid-dar ħdejn missieru. It-talba ta' San Pawl u l-fejqan mirakuluż kienu provi biżżejjed qawwija biex Publju, bniedem imżejjen b'ħafna doni jżomm għandu għall-tlett ijiem lil San Pawl u l-kumplament tan-nawfragati. Publju, l-ewlieni tal-Gżira, mill-ewwel fehem li dawn kienu ġrajjiet straordinarji, u miġbud lejn it-tagħlim ta' Pawlu, ħaddan l-istess twemmin dwar il-fidi ta' Kristu.

It-tliet xhur li San Pawl dam hawn Malta, bħalma għamel kull fejn kien, xerred dejjem ir-rivelazzjonijiet li xejnu kull tagħlim tal-paganiżmu. Il-fatt li Publju kien il-Gvernatur u wkoll l-inkarigat ewlieni għall-futur tal-knisja ta' Kristu f'Malta ċertament serva biex l-insara fil-Gżira, jeħilsu mill-persekuzzjonijiet li kienu għaddejjin fl-Imperu Ruman fiż-żmenijiet tas-sena 90 wara Kristu.

L-għeruq tal-fidi nisranija tant issudaw fl-għeruq tagħhom, li meta waslet l-aħbar tal-martirju ta' San Pawl, il-Maltin konvertiti komplew jitkattru u jissaħħu. Mhux ta' b'xejn li l-mexxejja tal-knisja raw f'Publju, il-bniedem ideali u kapaċi jmur fost l-għorrief Griegi, bħala isqof ġewwa Atene. Il-fatt li kien jaf l-ilsien Grieg, li kien xhud mill-iprem tal-qawwa tal-mirakli, mgħallem minn xejn inqas mill-Appostlu tal-Ġnus, konvint mit-twemmin tiegħu fi Kristu, ta' karattru nisrani ġeneruż, kien il-bniedem magħżul u l-iktar addattat biex imur f'din il-belt qalb l-aqwa għorrief ta' dawk iż-żmenijiet.

Ferris isemmi t-tliet knejjes ewlenin iddedikati lil San Publju, tnejn f'Malta u waħda f'Għawdex. It-tnejn li hawn f'Malta huma dik tar-Rabat (subborg tal-Imdina) u dik tal-Furjana (subborg tal-Belt). Huwa jgħid ukoll li l-irħama li sservi ta' mensa għall-altar maġġur tal-Katidral tal-Imdina hija l-istess irħama li kien imgħotti biha l-qabar ta' missier Publju. Fil-kitba tiegħu jindika, li teżisti relikwja fl-istess Katidral, il-kalċi tal-istann u l-patena tiegħu, li minn dejjem jgħidu li kien iservi biex iqaddsu bih kemm San Pawl u warajh San Publju. Dan huwa kkonfermat fl'Atti tal-Isqof Monsinjur Fra Bartolomeo Rull. Il-knisja ta' San Publju f'Għawdex tagħmel mal-Parroċċa tal-Għarb, bl-ewwel ġebla imqiegħda fis-26 ta' Lulju 1850 u mbierka fl-10 ta' Ottubru 1852.

Lejn l-aħħar tal-librett, Ferris jelenka numru ta' ismijiet li wrew qima lejn San Publju :-

San Dioniġi, Isqof ta' Korintu fit-tieni seklu, fakkar lill-Atenjesi fil-virtujiet ta' Publju.

Il-Papa Anteru, kiteb u ġabar bosta ħwejjeġ fuq il-ħajja ta' San Publju.

Facondo Aratore, poeta tas-sitt seklu kiteb dwar l-appostli u faħħar ukoll lil Publju.

Il-Venerabbli Beda fis-seba' seklu, kiteb l-istorja tal-ħajja ta' San Publju.

Il-Papa Gregorju Magno, fit-tmien seklu, semma lil Publju fl-opri fuq il-qaddisin.

Usuardo Monaco fl-istess seklu, żied ma dak li kien qal il-Ven. Beda.

Adone, Isqof ta' Vjenna kiteb ukoll il-ħajja ta' San Publju.

Il-Konti Ruġġieru wera x-xewqa biex il-knisja Maltija, jerġa' jkollha l-isqfijiet tagħha.

Fis-seklu 13 saret kappella b'qima lejn San Publju fil-parroċċa ta' Bir Miftuħ.

Il-Kan. Kantur D. Bartolomeo Asciak ġab il-quddiem il-qima lejn il-qaddis.

Quintino Eduo, qassis tal-Ordni u Awditur tal-Gran Mastru L'Isle Adam kiteb ukoll xi tifkiriet.




*Cristoforo Frendo Cumbo - 1893*

## *Cristoforo Frendo Cumbo, Opra Sacra tal-1883*

Kienet nofs ta' sorpriża għalija meta ġie f'idejja dan il-librett 'Il-Miġja ta' San Pawl f'Malta', għaliex dwar din l-opra diġà kien kelli xi ħjiel li jeżisti manuskritt miktub bit-Taljan (ara Nota fl-aħħar tal-artiklu). In-nofs l-ieħor tas-sorpriża dwar il-librett kienet, li dan ix-xogħol ġie stampat u maqlub għall-Malti b'alfabett Taljanizzat minn editur li mhuwiex magħruf, li bi kliemu faħħar lil Frendo Cumbo, filwaqt li kiteb hekk, 'Ghalech aħna ħsibna li nerġghu ingedduħ, u kisna ucoll l' imbiddlu l' haun u l'hin xi chelma li chienet actarx bit-talian inchella bil-malti'. Dan jagħti wieħed x'jifhem li x-xogħol ta' Frendo Cumbo, huwa kopja tal-manuskritt oriġinali msemmi fin-nota, li ġie stampat fl-1883, jiġifieri 135 sena wara li nħadem id-dramm oriġinali bit-Taljan ta' Vittorio Gristi fit-*Teatro Pubblico* (It-Teatru Manoel).

It-test sħiħ tad-dramm bit-Taljan jinsab fil-pubblikazzjoni *"Il Naufragio di San Paolo in Malta osia La Conversione di San Publio e dell'Isola'* ta' Vittorio Gristi ippublikat minn William Zammit (2004 - *PEG Publications*). Dan l-artiklu jiddeskrivi fil-qosor ir-rakkont bejn it-tmien persunaġġi u parteċipanti oħra li jieħdu sehem fid-dramm. Id-dramm huwa ambjentat madwar il-jiem tan-nawfraġju msejjes fuq Kap 27 tal-Atti tal-Appostli. Tagħrif simili ħareġ waqt u wara taħdita minn Dr W. Zammit, organizzat xi xhur ilu mis-Soċjetà Storika u Kultura – Floriana li sar fis-Sala tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena.

Il-kontribut ta' kull entità fil-Floriana jidher li qed jikkontribwixxu biex il-materjal u l-interess relatat jikber. F'dan il-kontest wieħed jissuġġerixxi li dan id-dramm jittella' mill-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta bħalma diġà sar b'dawk id-DVDs li nħadmu.

NOTA: *Dr William Zammit B.Ed. (Hons), KLIS., M.A., Ph.D. f'artiklu li kiteb fil-Programm tal-Festa ta' San Publju tal-4 ta' Mejju 2003 (p.66), dwar l-Opera Morale 1748, isemmi li dan id-dramm ġie mtella' sbatax-il-sena wara, jiġifieri f'Jannar 1749.*

Storia Sacra

TAT-TESTAMENT IL KADIM

U

TAT-TESTAMENT IL GDID

MICTUBA MINN

ANNIBALE PRECA

U DEDICATA LIL

Mons. Pietru Pace

U MINNU MBIERCA.

Malta

GANNI MUSCAT, EDITUR.

1895.

563

Il Cnisja issejjahlu appostlu, u bakku. Taghmillu il festa, nhar il meut tieghu, fil 11 ta gunju.

*Talba ta S. Barnaba.* "O Alla li tferrahna bil merti u bit-talb tal imkaddes Barnaba appostlu tieghec, aghmel li chif insejjhu il barca tieghec fuknu b'talbu, nakilghulu ghall hniena tieghec. F'gih Sidna G. C." ecc.



CAP. XIV.

S. Publiu.

Daun l'erba' chelmiet li gejjin, iferrhu uisk il Furjanizi. Tghid il Furjanizi biss, mux il Maltin collha? Jakau S. Publiu m'hux gih ta Malta collha? "Alla hua tal ghageb fil kaddisin tieghu" collha, chif hemm mictub fis-Salmi; imma mbaghad ahna ghandna nuru kima acbar lojn daue il Kaddisin li ghandna jeu chellna x'naksmu maghhom. U ma S. Publiu ghandna x'naksmu mux bil ftit: hu pajzan taghna; hu laka' il S. Paul Missierna; hu protettur taghna il Maltin. Meta nghidu li S. Paul habb il Publiu b'imhabba barranija, ma nistghux inghidu izjed. Nistghu, nistghu bilhakk: l'istorja ta S. Publiu hia marbuta mal istorja ta S. Paul; ara

71—PRECA. STORIA SACRA.

*Annibale Preca - 1894*

## *Annibale Preca – Kitba tal-1894*

Fit-traduzzjoni tiegħu, Preca kiteb li *'Storia Sacra'* fl-1894 u sena wara ġiet mitbugħa fl-Istamperija Giov. Muscat – Editur. Din il-kitba, hija mżewqa b'kummenti u tifsira twila dwar ħajjet il-qaddis San Publju. Ċerti kummenti miżjuda, għalkemm wieħed ma jsibhomx fit-traduzzjoni tat-testi oriġinali tal-Kotba Mqaddsa, madankollu huma xorta waħda kontribut validu u xhieda qawwija tat-tradizzjoni li tikkonferma t-twemmin li aħna l-Maltin ilna nħaddnu sa mill-miġja ta' San Pawl fostna.

Fl-ewwel paġni ta' dan il-ktieb, insibu riprodotta ittra ta' dedika miktuba mill-awtur u ndirizzata lil 'ECCMU. U REVMU, Mons. Pietru Pace, Arċisqof ta' Rodi, Isqof ta' Malta' ecc. Fl-introduzzjoni tal-ittra msemmija, l-awtur jagħmel riferenza għall-*'Storia Sacra* bil-Malti' li kien kiteb huwa stess fl-1863. L-Arċisqof Pace, f'ittra ta' tweġiba, faħħar bil-kbir l-opra li kien kiteb Ferris, filwaqt li appella biex kittieba oħra sekulari jagħmlu bħalu. Dan l-appell instema' kif jidher fil-kitba ta' dan l-artiklu.

Lejn l-aħħar paġni tal-ktieb li fih aktar minn 600 paġna, insibu l-*'Agiografia Biblica'*, u f'Cap. XIV il-kitba dwar S. Publju. In-*'Nihil Obstat'* ħareġ fit-8 ta' Jannar 1896 mill-F. Can: Bonnici, *Cens. Theol.*

Stampa kurjuża hija l-immaġni ta' San Publju, li għalkemm qiegħed fuq pedestall huwa f'poża differenti mill-istatwa maestuża ta' Vincenzo Dimech. Kif wieħed jista' jinnota, il-baklu qiegħed fl-id ix-xellugija quddiem l-iljun, filwaqt li bl-id il-leminija, il-qaddis qiegħed ibierek. Il-figuri li jidhru fil-pedestall huma simili għax-xenarju tan-nawfraġju ta' San Pawl maħdum mill-iskultur Ignazio Cefai (1894-1981) li huwa kien bena mill-ġdid wara li dan tkisser waqt l-attakk tat-28 ta' April 1942.

Is-XVI l-artiklu fuq il-Ħajja ta' San Publju huma segwiti b'kummentarji, bil-Kurunella tal-Kan. Dr. Ludovico Mifsud Tommasi u b' talb ieħor.